**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 26 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1135/00 AJD*

Vodafone Malta Limited

vs

Clyde Cutajar

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Awissu, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u ghoxrin liri Maltin u tlett centezmi (Lm126.03), rappresentanti access ghall-uzu ta' 'mobile telephone' u 'airtime' ghall-istess uzu, ghall-perijodu mit-12 ta' Novembru, 1997, sat-23 ta' Awissu, 1999.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Il-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-konvenut meta qaleb is-sistema ghal wahda li juza l-mobile phone tieghu bil-card, huwa kien mar ghand is-socjeta' attrici sabiex jara jekk kienx hemm xi haga pendenti, izda s-socjeta' attrici qaltlu illi m'hemm l-ebda bilanc pendenti.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anthony Vella in rappresentanza tas-socjeta' attrici, u l-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

1. Illi l-kaz jirrigwarda talba ghall-hlas da parti tas-socjeta' attrici tal-ammont ta'

mija u sitta u ghoxrin liri Maltin u tlett centezmi (Lm126.03) dovuti mill-konvenut bhala prezz ta' uzu ta' 'mobile phone' ghall-perijodu mit-12 ta' Novembru, 1997, sat-23 ta' Awissu, 1999.

2. Illi l-konvenut xehed li fit-23 ta' Awissu, 1999, huwa ddecieda li jaqleb ghas-sistema tal-'E-talk' mentri qabel u cioe' minn Novembru 1997 sa dik id-data, l-uzu tal-linja tal-'mobile phone' in kwistjoni kienet regolata skond il-ftehim bil-miktub li gie esibit mis-socjeta' attrici permezz ta' nota tat-18 ta' Lulju, 2001 (Dok. VOD4).

3. Illi l-konvenut xehed ukoll li meta huwa biddel is-sistema, mar fl-ufficju tas-socjeta' attrici l-Imsida, il-kaxxier ivverifika li ma kellux kontijiet pendenti, iffirma karta f'dan is-sens u hallas ghoxrin lira Maltin (Lm20.00) sabiex jaqleb ghas-sistema l-gdida.

4. Illi l-konvenut ma ressaq ebda prova sabiex jissostanzja dak li huwa kien qed jallega. Huwa infatti ma esibiex kopja tad-dikjarazzjoni li huwa allegatament iffirma, l-anqas ma gab kopja tal-ircevuta ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20.00) li huwa qed jghid li hallas. Inoltre, l-anqas ma ressaq bhala xhud lil certu Eric, impjegat tas-socjeta' attrici, li skond il-konvenut kien wieghed lill-istess konvenut li kien ser jibghatlu kopja ta' dik il-karta li l-konvenut jghid li ffirma.

5. Illi huwa principju baziku tal-ligi procedurali Maltija li minn jallega jrid jipprova u fil-kaz odjern certament ma jistghax jinghad li l-konvenut b'xi mod irnexxielu jipprova dak allegat minnu u cioe' li f'Awissu, 1999, huwa kien hallas dak kollu dovut lis-socjeta' attrici ghall-uzu tal-linja ta' 'mobile phone' koncessa lilu mis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u ghoxrin liri Maltin u tlett centezmi (Lm126.03) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effttiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu interament mill-konvenut skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR